

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Sweden](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut
minn
Svezja

Svezja



Tiġi kkunsidrat bħala l-vittma ta' reat, jekk tkun ġarrabt dannu, pereżempju tkun ġejt ferut jew il-proprjeta' tiegħek tkun ġarrbet dannu jew tkun insterqet, b'konsegwenza ta' azzjoni li tikkostitwixxi reat skont il-liġi nazzjonali. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet individwali qabel, matul u wara l-proċedimenti. Tista' wkoll tkun intitolat għal forom varji ta' appoġġ u kumpens għad-dannu kkawżat mir-reat.

Il-proċedimenti kriminali fl-Iżvezja jibdew bl-investigazzjoni tar-reat, imsejħa bħala l-kumpilazzjoni. B'xi eċċezzjonijiet, jekk ikun hemm raġunijiet li jiġi preżunt li twettaq reat, huwa obligat li tinbeda l-kumpilazzjoni. Il-kumpilazzjonijiet isiru mill-pulizija, iżda xi drabi jitmexxew minn prosekutur. Wara li titlesta l-kumpilazzjoni, il-prosekutur jista' jiddeċiedi li jkompli l-proċedimenti billi jressaq il-każ il-qorti jew, jekk il-prosekutur ma jemminx li hemm biżżejjed evidenza, jagħlaq il-każ mingħajr ma jressqu l-qorti. Jekk il-każ jitressaq il-qorti jkun hemm proċess. Matul il-proċess, il-qorti teżamina l-evidenza kollha u tiddeċiedi jekk tikkundannax lill-akkużat tar-reat jew le. Il-qorti tindika wkoll jekk ikunx hemm il-possibilità għal appell quddiem qorti superjuri.

Bħala l-vittma tar-reat, ikollok rwol sinifikanti fil-proċedimenti u jkollok għadd ta' drittijiet. Tista' tipparteċipa fi proċedimenti legali mingħajr status legali speċifiku jew tista' tiegħu parti aktar attiva billi ssir parti formalment mill-proċedimenti. Tista' tfittex għad-danni u/jew tappoġġa l-prosekuzzjoni. F'ċerti każijiet tista' tibda prosekuzzjoni privata, fuq l-inizjattiva tiegħek stess, fil-każ li l-prosekutur jiddeċiedi li jagħmilx dan.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

[1 Drittijiet bħala vittma ta' reat](#)

[2 Irrappurtar ta' reat u drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew ilproċess](#)

[3 Iddrittijiet tiegħi wara lproċess](#)

[4 Kumpens](#)

[5 Iddrittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 15/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.